MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 488/2002/1

**John's Garage Ltd**

**vs**

**Nicholsons The Supermarket Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Jannar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm2,162.92) ghal servizzi ta' trasport lilhom fornuti.

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. L-ammont mitlub m'huwiex dak dovut;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' osservazzjonijietipprezentata mill-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi bi ftehim immaturat f'Jannar, 1998, u redatt bil-miktub (ara fol. 13 tal-process dok. GF1) il-kumpanija attrici obbligat ruhha illi taghti servizz ta' trasport lill-kumpanija konvenuta billi ntrabtet illi tipprovdi trasport ghall-'istaff' tas-'supermarket' gestit mill-kumpanija konvenuta kull meta jitolbu. B'dan illi l-ammont ta' 'trips' fil-gimgha ma kellux jaccedi tmintax (18) irrispettivament mid-destinazzjoni u illi ta' dan is-servizz il-kumpanija konvenuta kellha thallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) kull tlett (3) xhur bil-quddiem bil-pagamenti dovuti mill-1 ta' Jannar, l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju, u l-1 ta' Ottubru.

Fl-istess ftehim il-partijiet qablu li dan il-ftehim kellu jkollu validita' ta' sena (1) u ghalhekk kellu jiskadi fil-5 ta' Jannar, 1999.

Il-kumpanija attrici ukoll irriservat illi ma taghmilx ebda ‘trip’ u ma tipprovdiex trasport jekk it-talba ghas-servizz ma tkunx saret bil-miktub mill-konvenuti.

Il-kontendenti jaqblu wkoll (ara deposizzjoni ta’ Gaetano Farrugia u ta’ Tonio Ciantar) illi meta ghalaq dan il-ftehim il-partijiet ghazlu li jkomplu jgedduh minghajr ma hassew il-htiega illi jaghmlu ebda modifika jew li jirredigu dan il-ftehim gdid bil-miktub.

Jaqblu wkoll illi, almenu sa l-ahhar tas-sena 2000, dan il-ftehim baqa’ jigi applikat u osservat mill-kontendenti. Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar it-trasport illi nghata mill-atturi lill-konvenuti mill-1 ta’ Jannar, 2001, sa l-ahhar ta’ Settembru, 2001.

Filwaqt illi l-kumpanija attrici ssostni illi anke ghal dan il-perjodu l-partijiet baqghu jattwaw il-ftehim originali illi kien ilu jigi attwat bejniethom sa mill-1 ta’ Jannar, 1998, il-konvenuti, permezz ta’ Tonio Ciantar, isostnu illi f’ Novembru,1999, kien sar ftehim verbali permezz ta’ liema l-kontendenti qablu illi hassru l-ftehim originali taghhom li kien ilu jigi applikat sa dakinhar u ftiehemu illi, b’effett mill-1 ta’ Jannar, 2001, kellu japplika ftehim gdid permezz ta’ liema l-kumpanija konvenuta kellha thallas bir-rata ta’ hames liri Maltin (Lm5) ghal kull rikjesta ta’ trasport li kienet taghmel.

Inoltre l-istess Tonio Ciantar isosstni illi huwa kien ukoll hallas permess ta’ ‘post dated cheques’ ammont komplessiv ta’ tlett elef, mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm3,235) sabiex jaghel wkoll tajjeb ghat-‘trips’ ukoll prospettati bir-rata gdida a bazi tal-ftehim gdid allegat.

Minn naha l-ohra l-atturi jichdu kategorigament li qatt sar tali ftehim u jsostnu illi l-pagamenti li saru b’ ‘post dated cheques’ kienu pagamenti akkont tal-bilanc illi kien ghadu dovut sa Dicembru, 2000, u li anzi l-konvenuti kienu nsistew illi kellu jibqa’ japplika l-ftehim originali ta’ l-1998.

Billi jirrizulta stabbilit il-ftehim bil-miktub ta’ Jannar, 1998, u billi jirrizulta illi l-partijiet qablu espressament, u in

segwitu anke tacitament, illi dan il-ftehim kellu jibqa' japplika minn sena ghal sena, jispetta lill-konvenuti illi jgibu prova sufficjenti ta' dak illi huma qed jallegaw u cioe' illi l-partijiet ftiehemu illi jitterminaw il-ftehim bil-miktub ta' Jannar, 1998, u li sar ftehim iehor li permezz tieghu kellhom ihallsu tat-'trips' specifici b'rata stabbilita.

Il-provi f'dan ir-rigward jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta' Tonio Ciantar li waheda, stante il-kontestazzjoni ta' l-atturi, ma tistax tikkostittwixxi prova bizzejjed illi l-ftehim korrenti kien gie ssostitwit b'xi ftehim ulterjuri.

Inoltre jezistu cirkostanzi illi jimmilitaw favur il-kumpanija attrici senjatament il-fatt illi 'ex admissis' anke qabel ma sar xi accenn ghal xi allegat ftehim ulterjuri, il-kumpanija konvenuta kienet effettivament tardiva fil-pagamenti u kellha sa Dicembru, 2000, arretrati fil-pagamenti f'ammont komplessiv ta' elfejn, mija tnejn u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,162.90) kif jirrizulta mill-'statements' esibiti minn fol. 95 tal-process senjatament dak a fol. 109 tal-process.

Dawn l-'statements' ma gew b'ebda mod ikkontestati mill-kumpanija konvenuta. Inoltre jirrizulta wkoll illi in sostenn tat-talba taghhom il-kumpanija attrici pprezentat dokumenti akkurati bi prova tas-servizz illi huma pprestaw lill-konvenuti waqt li l-kumpanija konvenuta, ghalkemm tikkontesta illi jinghataw is-servizzi allegati mill-atturi ma pprezentat ebda dokument in sostenn ta' dak li qeghda tippretendi.

Inoltre ghandu jinghad ukoll illi l-produzzjoni o meno f'din il-kawza ta' xi struzzjonijiet bil-miktub li setghet tat il-kumpanija konvenuta biex tordna t-trasport a tenur tal-Klawsola 5 tal-ftehim ta' Jannar, 1998 m'ghandu ebda relevanza ghall-kaz billi dik il-klawsola kienet intiza biss biex tissalvagwardja l-interessi ta' l-atturi illi setghu ma jipprestawx is-servizz jekk ma kienx ikollhom f'idejhom dokument bil-miktub mill-konvenuti u jekk taw is-servizz dan ghamluh a riskju taghhom ghaliex peress li ma jidherx

li gew superati it-18 il-'trip' fil-gimgha ma kienux intitolati ghall xi hlas ulterjuri oltre LM1000 trimestrali.

Ghal dawn il-mottivi tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u ghar-ragunijiet premessi fl-avviz tilqa' it-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) ghall-iskadenzi ta' 1 ta Jannar, 2001, u ta' l-1 ta Lulju, 2001, bir-rata ta' elf lira Maltin (Lm1000) kull skadenza, bl-imghax legali b'effett mis-6 ta' Awissu, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-ilment li jikkonsisti esklusivament f' kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti tistieden lil din il-Qorti taccetta l-versjoni taghha tal-kuntrattazzjoni u relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u fl-isfond ta' din l-istess versjoni tal-fatti tikkonkludi li kien hemm novazzjoni;

Fil-qosor hafna, il-fatti ewlenin li waslu ghal kawza kienu dawn:-

(1) Bejn iz-zewg socjetajiet kien hemm ftehim bil-miktub (ara kopja a fol. 13) ghall-vjaggi u garr ta' impjegati tas-socjeta` appellanti. Il-ftehim kien ghal sena li bdiet mill-5 ta' Jannar 1998;

(2) Il-hlas pattwit kien dak ta' elf lira (Lm1000) kull tliet xhur;

(3) Skadut it-terminu originarju, l-arrangament pattwit baqa' fis-sehh u ssoktaw jigu applikati l-istess rati. Ara xhieda ta' Gaetano Farrugia (fol. 11) u John Farrugia (fol. 16), direttur u Group General Manager rispettivament tas-socjeta` attrici;

(4) Il-ftehim kien li s-socjeta` attrici tkompli tipprovdi servizz ta' garr sa tmintax-il vjagg fil-gimgha.

Hekk kompla jsir anke wara li skada l-ftehim bil-miktub. Fuq dan ma jezisti ebda dizakkordju bejn il-partijiet;

(5) Lanqas ma jidher kontestat illi s-socjeta` appellanti kienet baqghet moruza fil-hlasijiet. Il-veru kuntrast kien jaggira fuq il-kwantum ta’ l-ammont dovut;

(6) Tonio Ciantar, ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti, jghid li hu kien ghadda lis-socjeta` appellata disa’ (9) cekkijiet. Huwa jsostni li dan il-hlas kellu jservi biex joqtol id-dejn pendenti sa dakinhar (Novembru 2000) u jkopri wkoll hlasijiet ghal *trips* futuri;

(7) Invece, Jesmond Sacco, Operations Manager tas-socjeta` appellata jghid li c-cekkijiet mghoddija kienu mahsuba biex jiskontaw id-dejn antecedenti ghall-*invoice* tad-29 ta’ Jannar 2001 (fol. 90). Dan l-istess xhud ippreciza wkoll illi qatt ma rcevew protest illi xi vjagg indikat fir-rapport mensili ma kienx ordnat jew li ma sarx (fol. 23). Dejjem skond il-precitat Gaetano Farrugia, l-ordnijiet kienu jsiru l-aktar permezz ta’ fax u gieli wkoll permezz ta’ telefonati (fol. 76);

Precizati dawn il-fatti u wara ri-ezami ta’ l-atti kollha tal-kawza, hi l-konvinzjoni ta’ din il-Qorti illi l-aggravju tas-socjeta` appellanti ma huwiex sostenibbli mill-provi. Fil-verita`, jista’ jinghad illi ma setghux hlief iwasslu ghall-konkluzjoni raggunta mill-Qorti ta’ l-ewwel grad. Zgur, imbaghad, li fil-kaz prezenti ma jezistux dawk ir-ragunijiet gravi li kapaci talvolta jinducu lil din il-Qorti ta’ revizjoni biex eccezzjonalment tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-qorti adita dwar il-valutazzjoni tal-provi. Issibha ferm difficli li taccetta bhala oggettivament kredibbli d-deduzzjoni tas-socjeta` appellanti illi hi mhux biss skontat id-dejn passat izda addirittura hallset anticipatament ghal *trips* futuri;

Zgur, imbaghad, mill-kwadru tal-provi processwali ma ssibx li tezisti n-novazzjoni suggerita mis-socjeta` appellanti;

Ibda biex hi disposizzjoni cara tal-ligi fl-Artikolu 1181 (1) Kodici Civili illi "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mibdula." Hekk ukoll jinsab stabbilit illi n-novazzjoni "mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car" [Artikolu 1180 (2), Kodici Civili];

A propozitu jinsab deciz fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Koludrovich -vs- Carmelo Muscat**", Appell Civili, 25 ta' Mejju 1956 (**Kollez. Vol. XL P I p 204**) illi "hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti, u b' hekk tigi estinta. U b' ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-*animus novandi* ghandu jirrizulta b' mod car u univoku. In-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn imkompatibilita` bejn l-'*id quod actum est'* u l-eskluzjoni tal-volonta` li ssir novazzjoni (**Kollez. Vol. XXIX P III p 80**) u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata (**Kollez. Vol. XXXI P I p 753**); ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (**Kollez. Vol. XXXV P II p 607**). Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata";

Dan il-principju gie wkoll applikat f' bosta sentenzi ohra. Hekk per ezempju ntqal illi "*la concessione di una dilazione in difetto di altre circostanze non importa una novazione*" (**Kollez. Vol. III p 506**) u "*la semplice riduzione importa solo una modalita` e non estingue la obbligazione*" (**Kollez. Vol. XXI P I p 483**);

Applikati dawn il-principji ghall-fattispeci tal-kaz partikolari din il-Qorti ma tarax kif jista' guridikament jinghad li tezisti dik in-novazzjoni oggettiva kif hekk qed tippretendi s-socjeta` appellanti. L-obbligazzjoni originali naxxenti mill-

ftehim issoktat tipperdura bl-istess mod u arrangament anke wara l-iskadenza tat-terminu ta' l-istess ftehim. L-obbligazzjoni la giet allura annullata u lanqas maqtula, kif hekk *expressis* hu provvdut mil-ligi. L-oneru nkombenti fuq is-socjeta` appellanti li tipprova b' mod car in-novazzjoni ma saretx sodisfacentement minnha. U allura, kif konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza, f' kull kaz, il-konkluzjoni ghandha tkun li "*in caso di dubbio la novazione deve essere esclusa*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 935**; **Vol. XL P I p 204**; **Vol. L P I p 412** u "**Grezzju Bongailas -vs- Josephine Deguara**", Appell Kummercjali, 22 ta' Novembru 1989, fost ohrajn).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------